**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D; Barrister at Law (England & Wales)**

**Rikors Numru: 214/2018 NL**

**Fl-atti tal-Ittra Ufficjali Numru 642/18 li saru wara l-atti tal-ittra ufficjali numru 642/2018 ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta fl-ismijiet:**

**Melita Limited**

**vs.**

**Jody Pisani**

Illum is-26 ta' Ottubru 2020

Il-Qorti

Rat ir-rikors ta' Jody Pisani tal-20 ta' Settembru 2018 fejn ippremettiet is-segwenti:

*Illi s-soċjetá intimata preżentata ittra uffiċjali ai termini tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta fl-ismijiet premessi u dan fl-14 ta' Marzu 2018.*

*Illi min-notifika eżebita mall-istess ittra jidher li din l-ittra giet notifikata lil Jason Pisani nhar is-7 ta' Marzu 2018. Dan jemergi mill-firma fuq il-pink car relattiva, ghalkemm jidher li l-marixxal nizzlet li gie notifikat ir-rikorrent.*

*Illi r-rikorrent ma wegibx din l-ittra u b'hekk l-istess giet reża eżekuttiva.*

*Illi sussegwentement s-soċjetá intimata pproċediet b'mandat ta' sekwestru eżekuttiv bin-numru 1616/2018 abbażi tal-istess ittra ufficjali.*

*Illi jinghad li dan il-mandat ma giex notifikat lir-rikorrent.*

*Illi madanakollu l-istess rikorrenti qieghed jużufruwixxi ruhu mid-dritt moghti lilu ai termini tal-artikolu 166A (5) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghas-segwenti ragunijiet:*

*1. Notifika mhux valida*

*Illi kif diga nghad u kif jemergi mir-referta relattiva li l-ittra thalliet ma Jason Pisani gewwa 17, Triq 1-Ghajn Valletta. Jinghad li Jason Piasni jiġi hu r-rikorrenti. Jinghad li Jody Piasni u cioé r-rikorrent m'għandu l-ebda relazzjoni ma' dan il-fond.*

*Illi l-artikolu 187 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jistabilixxi kif ghanda ssir notifika, kemm dik hekk imsejjha diretta u cioé f'id il-persuna indikata u kemm dik indiretta fejn tista' tithalla f'idejn persuna ohra izda dan jghodd biss ghall-postijiet imnizzla fl-istess ligi.*

*Illi l-artikolu rilevanti tal-istess artiolu jaqra hekk:*

*187. (1) In-notifika ssir bil-kunsinna ta' kopja tal-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura ghandha tkun innotifikata, kull fejn dik il-persuna tista' tinstab. In-notifika tista' wkoll issir billi dik il-kopja tithalla fil-lok fejn toqghod jew tahdem*

*jew fil-post tax-xogħol jew fl-indirizz postali ta' dik il-persuna fidejn membru tal-familja jew tad-dar jew f idejn wiehed fis-servizz ta' dik il-persuna jew fidejn il-prokuratur taghha jew persuna awtorizzata minnha biex tircievi l-posta taghha, Jekk in-notifika ma ssirx fl-ewwel tentattiv, l-ufficjal inkarigat min-notifika ghandu jaghmel żewg tentattivi biex jinnotifika l-kopja tal-iskrittura ebda awtorizzazzjonijiet ohra mill-qorti u dawn it-tentattivi ghandhom isiru f'hinijet differenti tal-gurnata bl-ahhar tentattiv ta' notifika jsir wara l-hinijiet gudizzjarji. Kull tentattiv ta' notifika għhandu jsir wara li jithallas d-dritt xieraq dovut lir-registru. L-ufficjal inkarigat min-notifika għandu jirregistra certifikat separat ta' notifika fl-atti gudizzjarji ghal kull tentattiv li jkun sar*

*Illi kif sejjer jirriżulta waqt is-smiegh ta' dan ir-rikors, il-post fejn saret in-notifika ma jaqa' taht l-ebda wiehed minn dawn il-kategoriji u ghalhekk din in-notifika indiretta ghandha titqies mhux valida.*

*2. Intimazzjoni mhux valida.*

*Illi sussidjarament ghal dak hawn fuq espost, l-esponent jikkontendi li hemm ragun ohra ghaliex l-ittra ufficjali de quo ghandha tigi regettata bhala nulla u bla effett ai finijiet tal-ligi u dan proprju minhabba illi l-intimazzjoni utilizzata fl-istess ittra mhix konformi ma' dak rikjest mill-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Illi l-artikolu 166A (3) jghid:*

*"L-ittra uffiċjali ghandu wkoll ikun fiha taht piena ta' nullità intimazzjoni lid-debitur li jekk huwa ma jweġibx fi żmien tletin jum mindu jigi notifikat bl-imsemmija ittra uffiċjali billi jippreżenta nota fl-atti ta' dik l-ittra uffiċjali li fiha tigi respinta t-talba u li tista' tigi ffirmata u ppreżentata fil-Qorti mid-debitur*

*stess minghajr il-htiega ta' firma ta' Avukat jew Prokuratur Legali, dik l-ittra uffiċjali tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv:"*

*Illi jidher pero li l-intimat segwa dak li jemergi mil-ligi sussidjarja 12.22 u li saret bis-sahha moghtija mill-artikolu 166A (2) tal-Kap. 12 li jaghti l-Ministru l-poter li jaghmel regolamenti.*

*Illi f'din il-ligi sussidjarja l-istess intimazzjoni hija differenti u fil-fatt il-ligi tghid hekk:*

*"Din l-ittra ufficjali ged tintbaghat taht l-artikolu 166A tal-Kapitolu 12, u jekk ma twegibx fi zmien tletin (30) jum, din issir titolu ezekuttiv. Ghalhekk huwa fl-interess tieghek li tkellem avukat jew prokuratur legali.*

*Illi minn qari ta' dan iz-zewg artikoli jidher li hemm kontradizzjoni. Fil-fatt fil-Kap. 12 l-avviz jghid li m'hemmx htiega li wiehed ikellem avukat jew prokuratur legali. Fil-ligi sussidjarja mill-banda l-ohra hemm miktub li huwa fl-interess ta dak li jkun li jkellem avukat.*

*Illi apparti minn hekk dan l-avviz legali ma emendax l-artikolu 166A tal-Kap. 12 izda kkrea konfuzjoni.*

*Illi hija l-umli sottomissjoni ta' l-esponent li ladarba ikun hemm kontradizzjoni bejn ligi sussidjarja li ghandha l-funzjoni li tghin il-ligi principali hija din il-ligi principali li ghandha tapplika.*

*Illi lanqas ma jista' japplika hawn il-principju ta' lex specialis derogat generalis peress illi hawn mhux si tratta ta' ligi specjali pero sempliciment ligi sussidjarja li tkompli suppost tikkjarifika l-ligi principali.*

*Illi ghalhekk l-intimazzjoni kif rapportata fl-ittra de quo mhix konformi mad-dettami tal-ligi u ghalhekk ukoll hija nulla.*

*3. Dikjarazzjoni mhux guramentata minn rappreżentant.*

*Illi dato ma non concesso li wiehed jista' jargumenta li l-fatt li l-ittra stess tiġi guramentata u mhux dikjarazzjoni apparti u annessa mal-ittra jissoddisfa l-vot tal-ligi, jinghad li f'dan il-każ jeżisti dubju kemm fil-fatt din l-ittra giet guramentata skond il-ligi.*

*Illi dan qieghed jinghad ghaliex l-kontenut tal-ittra gie guramentat mill-istess avukat li pprezenta l-ittra minghajr indikazzjoni jekk fil-fatt huwa m'ghandux rappreżentanza legali jew gudizzjarja sabiex jaghmel dan.*

*Illi dan huwa t'aktar importanza stante li l-ittra qieghda miktuba ghan-nom tas-soċjeta intimata u mhux l-avukat Gianluca Cappitta bhala rappreżentant taghha.*

*Illi mit-tfittxija li ghamel ir-rikorrent fuq ir-records tas-soċjetá fi hdan l-Awtorita ta' Malta ghas-Servizzi Finanzjarji jidher li l-istss avukat ma giex indikat bhala rappreżentant tas-soċjetá. Fil-fatt l-ahhar kambjament fir-rapprezentanza gudizzjarja u legali tas-soċjetá intimata jirrisali ghas-sena 2016 u dan skond ma jirriżulta mill-anness dokument immarkat bhala Dok A.*

*Illi apparti minn dan kollu, jinghad li l-gurament u l-prova tal-istess huwa rekwiżit ad validitatem. L-istess ghandu jinghad jekk dak il-gurament jittiehed minn rappreżentant ta' xi soċjetà. Huwa rikjest li jkun hemm prova li dik il-persuna ghanda l-poter li tiehu dak il-purament, Altrimenti dak l-istess gurament ma jistqa qatt jitqies validu. Dan ghandu jemergi mill-kontenut tal-ittra stess jew minn dokumen appozita. Jekk dan mhux hekk allura dawn it-tip ta' ittri jistghu sempliċement jigu guramentati mill-avukati li jipprezentahom, iżda minghajr dilungar zejjed huwa ovvju li avukat m'huwiex il-parti li tkun qieghed thejji l-ittra.*

*Għaldaqstant, l-esponent jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha a tenur tal-artikolu 166(A) (5) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta:*

1) *Tappunta dan ir-rikors għas-smiegħ u dan fi żmien ġimgħatejn u*

2) *Tiddikjara li l-ittra uffiċjali fl-ismijiet premessi numru 642/18 pprezentata ai termini tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta hija nulla għar-raġunijiet hawn fuq esposti u konsegwement tħassar, tirrevoka, tirrexxindi u tiddikjara null u bla effett it-titolu eżekuttiv miksub mill-mittenti permezz tal-istess ittra uffiċjali u dan taħt dawk il-provvedimenti li jidrilha xierqa u opportuni.*

*Bl-ispejjeż kontra s-soċjetá intimata."*

Rat ir-risposta ta' Melita Limted tal-24 ta' Ottubru 2018 fejn eċċepiet is-segwenti:

*Illi fir-rigward tal-ewwel punt imqajjem minn Jody Pisani qiegħed jiġi rilevat illi r-riferta tal-att ġudizzjarju relattiv jindika illi -ittra tħalliet ma Jason Pisani ġewwa 17, Trigl-Għajn, Valletta. Qiegħed jingħad illi Jason Pisani jiġi hu r-rikorrenti u li Jody Pisani m'għandu l-ebda relazzjoni ma' dan il-fond.*

*F'dan ir-rigward qiegħed jiġi sottomess illi skond r-reġistru elettorali jidher illi Jody Pisani fil-fatt għandu l-indirizz tiegħu imniżżel fuq 17, Triq 1-Għajn, Valletta u għaldaqstant wieħed ma jistax jeċepixxi l-eċċezzjoni illi Jody Pisani m'għandu l-ebda relazzjoni ma' dan il-fond. Aktar minn hekk, il-Qrati tagħna huma ċari dwar il-validita' ta' notifika li titħalla f'idejn membru tal-familja u aktar u aktar f'indirizz li fuqhu jidher rreġistrata I-persuna li trid tiġi nnotifikata.*

*L-Artikolu 187 (1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta fil-fatt jghid hekk:-*

*"In-notifika ssir bil-kunsinna ta' kopja tal-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura ghandha tkun innotifikata, kull fejn dik il-persuna tista' tinstab. In-notifika tista wkoll issir billi dik il-kopja tithalla fil-lok fejn toqghod jew tahdem jew fil-post tax-xoghol jew fl-indirizz postali ta' dik il-persuna fidejn membru tal-familja jew tad-dar..."*

*Ghalhekk in-notifika tista ssir kemm direttament lill-persuna li ghandha tigi notifikata kif ukoll indirettament billi tithalla kopja ta' l-att gudizzjarju ma dawk il-persuni indikati fl-istess artikolu bhala kapaci li jaccettaw in-notifika ta' att gudizzjarju. Jekk il-persuna li tkun accettat in-notifika ta' l-attgğudizzjarju tonqos milli tinforma lill-persuna koncernata, xorta wahda n-notifika tkun valida.*

*Illi fir-rigward tat-tieni punt maghmul mir-rikorrent qieghed jigi rilevat illi fil-fehma umli tas-socjeta esponenti huwa car illi ligi sussidjarja bit-titolu 'Regolamenti dwar il-forma tal-ittra ufficjali ghall-finijiet tal-artikolu 166A(2) tal-Kodici ta Organizzazzjoni u Procedura Civili' ghandha propju l-funzjoni li tistabilixxi il-forma tal-avviż li ghandhu jidher fl-ittra ufficjali. Umilment jigi rilevat illi wiehed ma jistax jargumenta illi ligi sussidjarja li giet mhejija propju bl-ghan li tistabilixi r-regola tal-forma ma tigiex meqjusa bhala ligi specjali u allura ghall-kuntrajtu ta dak li qieghed jinghad mir-rikorrent, dan huwa propju każ ta lex specialis derogat generalis.*

*Fuq punt relatat u minghajr pregudizzju ghas-suespost, qieghed jinghad ukoll illi l-fatt li l-avviż li sar skond il-ligi sussidjarja jistipula illi huwa fl-interess ta' dak li jkun li jkellem Avukat jew Prokuratur Legali bl-ebda mod ma jikkunflitti ma' dak stipulat fil-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u anzi, l-ittra in kwistjoni ma tistipulax illi r-risposta trid ssir permezz ta' Avukat jew Prokuratur Legali.*

*Ghaldaqstant, umilmernt jigi rilevat illi m'hemmx konfuzjoni u allura l-avviż sar skond il-ligi u ma jissussitix element ta' nullita'*

*Fir-rigward tal-punt sollevat li jghid illi d-dikjarazzjoni mhix guramentata minn rappreżentant, din qiegheda tigi respinta stante illi l-att gudizzjarju juri bic-car permezz tat-timbru tal-Qorti, kif iffirmat mir-Registratur tal-Qorti, illi l-att gie guramentat nhar l-erbghatax (14) ta' Marzu tas-sena 2018.*

*Jigi rilevat ukoll illi l-fatt li l-ittra mhix akkumpanjata minn minn dikjarazzjoni illi r-rappreżentant ghandhu r-rappreżentazzjoni legali jew gudizzjarja sabiex jiehu l-imsemmi urament ma jgibx in-nullita ta dik 1-ittra u fil-fatt t-tali rekwiżit li tigi annessa prova tar-rapprezentanza legali m' huwiex rekwizit ad validitatem. Tant hu hekk, ir-regoli stabbiliti kemm fil-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jirregolaw I-ittra gudizziarja 166A u kif ukoll il-ligi sussidjara taghha imkien ma jistabilixu illi n-nuqqas tat-tali dikjarazzjoni ggib in-nulita' tal-att gudizzjarju. Aktar minn hekk, kif ser jigi pruvat waqt is-smiegh tal-kawża, l-Avukat illi halef il-kontenut tal-ittra fil-fatt ghandu r-rappreżentanza legali u gudizzjarja tas-socjeta Melita Limited.*

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif ippresjeduta permezz tad-digriet ta' l-1 ta' Jannar 2020 mill-Prim Imhallef Emeritus Joseph Azzopardi LL.D.[1]

Rat illi waqt l-istess udjenza tal-11 ta' Frar 2020, is-socjeta' intimata iddikjarat li m'ghandhiex aktar provi xi tressaq.[2]

[1] Folio 32 ta' l-atti processwali
[2] Folio 33 ta' l-atti processwali

Semghet ix-xhieda u rat il-provi u d-dokumenti kollha in atti;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti diversament ippresjeduta tat-13 ta' Novembru 2018.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-parijiet datati it-30 ta' Gunju 2020 u t-3 ta' Awissu 2020 rispettivament.

Rat illi l-kawza giet imhollija ghal-lum ghas-sentenza u ma jirrizultax illi saret xi talba ghas-sospenzjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza jew li hemm xi impediment iehor ghall-ghoti tas-sentenza illum;

**Ikkunsidrat**

Illi din hija procedura a tenur tal-artikolu 166A(5) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, li permezz taghha ir-rikorrent qed jittenta jimpunja l-validita' tat-titolu ezekuttiv ottjenut bis-sahha tal-ittra ufficjali ezekuttiva prezentata mis-socjeta' intimata kontra r-rikorrent bin-numru 642/2018. Ir-rikorrent Pisani, fil-qasir, iressaq tliet argumenti li bihom jallega li l-istess ittra ufficjali hija invalida, nulla u bla effett u cioe': (i) in-notifika tal-istess ittra ufficjali, minkejja li mibghuta fl-indirizz tar-rikorrent, thalliet f'idejn persuna li mhijiex ir-rikorrent; (ii) ma saritx l-intimazzjoni rikjesta *ad validitatem* skond l-artikolu 166A(2); (iii) l-ittra ufficjali ezekuttiva mhijiex debitament guramentata minn rapprezentant skond il-ligi.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Validita' tan-Notifika tal-Ittra Ufficjali Ezekuttiva bin-numru 642/2018**

Essenzjalment, ir-rikorrent Pisani jghid li l-ittra thalliet ma' certu Jason Pisani (li jigi huh) u mhux mieghu. Jghid illi r-rikorrent m'ghandu ebda relazzjoni mal-indirizz fejn thalliet l-istess ittra ufficjali u ghalhekk, in-notifika ma kinitx wahda valida u skond il-ligi.

Is-socjeta' intimata, ipprezentat estratt mir-Registru Elettorali ghall-Kunsill Lokali ta' Ottubru 2017, fejn juri li l-indirizz tal-istess Jody Pisani, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 175379M, kien 17, Triq l-Ghajn, Valletta[3].

Il-dan l-indirizz jaqbel ma l-istess indirizz fejn saret in-notifika nhar is-17 ta' Marzu 2018.[4]

Madankollu, fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, ir-rikorrent Pisani jikkonferma li huwa *"m'huwiex qieghed jinsisti aktar fuq din il-premessa u ghalhekk, b'lealta' lejn din l-Onorabbli Qorti u l-ex adversu f'dawn il-proceduri qieghed jiddikjara li din il-pretensjoni giet mxejna min-naha l-ohra u ma hemm l-ebda htiega ta' pronunzjament dwarha"*.

Filwaqt li l-Qorti tabbraccja din id-dikjarazzjoni ghan-nom tar-rikorrent, kien ikun ferm aktar opportun li kieku l-istess pretensjoni giet irtirata mit-talba nfisha u/jew mill-premessi tar-rikors promotur permezz ta' nota.

[3] Folio 28-30 ta' l-atti processwali
[4] Folio 7 ta' l-atti processwali

Ghalhekk, din il-Qorti sejra xorta wahda tghaddi biex tiddeciedi dwar din is-sottomissjoni tar-rikorrent.

Qabel xejn il-Qorti taghmel referenza ghall-artikolu 187(1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid hekk:

> *In-notifika ssir bil-kunsinna ta' kopja tal-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura għandha tkun innotifikata, kull fejn dik il-persuna tista' tinstab. **In-notifika tista' wkoll issir billi dik il-kopja titħalla fil-lok fejn toqgħod jew taħdem jew fil-post tax-xogħol jew fl-indirizz postali ta' dik il-persuna f'idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f'idejn wieħed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur tagħha jew persuna awtorizzata minnha biex tirċievi l-posta tagħha**. Jekk in-notifika ma ssirx fl-ewwel tentattiv, l-uffiċjal inkarigat min-notifika għandu jagħmel żewġ tentattivi oħra biex jinnotifika l-kopja tal-iskrittura mingħajr ebda awtorizzazzjonijiet oħra mill-qorti u dawn it-tentattivi għandhom isiru f'ħinijiet differenti tal-ġurnata bl-aħħar tentattiv ta' notifika jsir wara l-ħinijiet ġudizzjarji. Kull tentattiv ta' notifika għandu jsir wara li jitħallas id-dritt xieraq dovut lir-reġistru. L-uffiċjal inkarigat min-notifika għandu jirreġistra ċertifikat separat ta' notifika fl-atti ġudizzjarji għal kull tentattiv li jkun sar:*
>
> *Iżda, il-kopja ma tistax titħalla f'idejn persuni ta' età anqas minn erbatax-il sena, jew f'idejn persuna li, fil-ħin tan-notifika, għandha diżordni mentali jew kundizzjoni oħra, li tagħmilha inkapaċi li tagħti xhieda ta' dik in-notifika. Persuna titqies li hija kapaċi li tagħti dik ix-xiehda, sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju; u n-notifika ma tistax tiġi attakkata bħala*

*irregolari, għal waħda minn dawk ir-raġunijiet, jekk jinsab illi fil-fatt il-kopja tkun waslet f'idejn il-persuna li lilha kellha tkun innotifikata:*

*Iżda wkoll meta persuna li lilha tkun indirizzata skrittura tirrifjuta li tirċiviha personalment mingħand uffiċjal eżekuttiv tal-qrati, il-qorti tista' fuq rikors tal-parti interessata u wara li tisma' lill-uffiċjal esekuttiv tal-qrati u tikkonsidra ċċirkostanzi kollha tal-inċident, tiddikjara b'digriet li n-notifika tkun saret lil dik il-persuna fil jum u l-ħin tar-rifjut u tali digriet għandu jitqies bħala prova tan-notifika għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi.*

Il-Qorti tghaddi biex taghmel referenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **Carmelo sive Charles Bianco et vs Terence Farrugia** [5] fejn gie ritenut:

*"Il-Qorti tibda billi tosserva li kif inhuwa pacifiku fl-ordinament guridiku taghna, il-ligi ta' procedura hi ta' ordni pubbliku u bhala tali ir-regoli procedurali jehtiegu li jigu osservati rigorozament. Konformament, ir-rekwizit ta' notifika valida huwa wkoll ta' natura ta' ordni pubbliku u bhala tali l-procedura ghan-notifika ta' att gudizzjarju ghandha tigi osservata ad unguem. Billi l-ittra ufficjali pprezentata skont il-procedura delinejata fl-Artikolu 166A m'hijiex semplici interpellazzjoni ghall-hlas - ghaliex fin-nuqqas ta' oppozizzjoni entro t-terminu statutorju l-ittra ssir titolu ezekuttiv - in-notifika ta' dik l-ittra ufficjali lid-debitur hija rekwizit ad validitatem mehtiega skont is-subinciz (i) tal-Artikolu 166A fuq citat. Dan hu wkoll konformi mal-principju l-aktar fondamentali tal-*

[5] Rikors numru 175/2018RM; Qorti tal-Magistrati (Malta); Magistrat Dr. Rachel Montebello; Deciza 26 ta' Settembru 2018

*gustizzja naturali li jirrikjedi taht piena ta' nullita` in-notifika ta' min ikun imsejjah in gudizzju.*

*Ghandu jinghad li l-ligi fl-Artikolu 166A(5)(i) hija cara fis-sens li l-eccezzjoni li d-debitur ma kienx jaf bl-ittra ufficjali, tista' tirnexxi biss jekk jigi ppruvat li huwa ma kienx notifikat kif imiss, u ghalhekk mhuwiex bizzejjed li d-debitur jipprova li huwa ma kienx jaf bl-att jekk il-konsenja tal-istess att tkun saret skont ir-regoli tal-procedura tan-notifika ta' atti gudizzjarji. Il-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, fl-Artikolu 187 jenuncja r-regola generali li n-notifika ghandha ssir bil-konsenja ta' kopja tal-att lill-persuna li ghandha tkun notifikata, izda jikkontempla wkoll il-kazijiet fejn in-notifika tista' ssir anke bilkonsenja tal-att mhux direttament lill-persuna li ghandha tigi notifikata, purche` jigu osservati r-rekwiziti specifici mfissra fis-subinciz (1) tal-istess Artikolu 187 dwar fejn il-kopja tal-att jista' jithalla u ma' min jista' hekk jithalla. Il-parti relevanti ta' dan is-subinciz jipprovdi hekk:- "In-notifika ssir bil-kunsinna ta' kopja tal-iskrittura lill-persuna li lilha liskrittura għandha tkun innotifikata, kull fejn dik il-persuna tista' tinstab. Innotifika tista' wkoll issir billi dik il-kopja titħalla fil-lok fejn toqgħod jew taħdem jew fil-post tax-xogħol jew fl-indirizz postali ta' dik il-persuna f'idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f'idejn wieħed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur tagħha jew persuna awtorizzata minnha biex tirċievi l-posta tagħha." Fil-kaz odjern, il-Qorti tosserva li fir-rikors promotur ir-rikorrent isostni li hu ma kienx jaf bl-ittra ufficjali de quo, ghaliex ghalkemm din giet notifikata lil ommu Mary Farrugia fil-fond 34, Triq San Leonardu, Hal Kirkop, skont kif jidher mirreferta li ggib id-data tal-5 ta' Mejju 2018, hi ma kienetx informatu biha. Skont ir-rikorrent, hu sar jaf bl-att biss meta gie notifikat bil-Mandat ta' Sekwestru binnumru 1464/2018 u cioe` wara li l-ittra ufficjali saret titolu ezekuttiv. Mar-rikors promotur giet esebita*

*dikjarazzjoni guramentata tal-imsemmija Mary Farrugia1 li tikkonferma li hija rceviet l-ittra ufficjali de quo izda ddecidiet li lil binha ma tghidlux biha, minhabba li f'dak il-perijodu huwa kien ser jizzewweg u peress li l-ittra kienet gejja mill-Qorti ma riditx tinkwetah."*

*Hawnhekk il-Qorti tosserva li r-rikors promotur u d-dikjarazzjoni guramentata annessa mieghu entrambi jiffokaw fuq in-nuqqas tar-rikorrent li jsir jaf personalment bl-ittra ufficjali, u mhux fuq allegazzjoni li huwa ma joqghodx flindirizz fejn giet notifikata l-ittra ufficjali in kwistjoni. Lanqas ommu Mary Farrugia fid-dikajrazzjoni guramentata taghha ma tghid li r-rikorrent ma kienx ghadu joqghod maghha. Din l-allegazzjoni tal-ahhar saret ghall-ewwel darba mir-rikorrent fid-depozizzjoni tieghu quddiem il-Qorti fl-udjenza tas-7 ta' Settembru 2018 fejn xehed illi huwa ilu ma joqghod flimkien ma' ommu firresidenza taghha ghal dawn l-ahhar hames snin. Fl-istess nifs pero`, ir-rikorrent jistqarr, kif del resto jirrizulta mid-dokument esebit mis-socjeta` intimata marrisposta taghha (Dok. A a fol. 15), li r-residenza tieghu baqghet registrata ufficjalment fl-inidirizz fejn toqghod ommu u fejn intlaqghet in-notifika tal-att. Jikkonferma wkoll li l-indirizz tieghu ghadu hekk registrat sal-lum. Mizmum ferm il-premess, u anke fin-nuqqas ta' provi sufficjenti li juru li r-rikorrenti jirrisjedi f'indirizz li huwa differenti mill-indirizz registrat ghal finijiet ufficjali, il-Qorti tafferma li l-lok fejn sar in-notifika ghandu jitqies bhala l-lok fejn joqghod ir-rikorrent u/jew l-indirizz postali tieghu ghall-finijiet u effetti kollha tal-Artikolu 187(1)."*

Fid-dawl ta' dan kollu, din il-Qorti tqis li, ghalkemm il-prova mressqa minn Melita Limited tirrigwardja r-Registru Elettorali ta' Ottubru 2017, filwaqt li n-notifika kienet ta' Marzu 2018, kien jispetta lir-rikorrent, f'dan il-kaz, Jody Pisani, li jekk xejn, jattakka l-istess prova migjuba minn Melita

Limited. Jidher li l-prova mressqa mill-intimata, pero', ir-rikorrent jaccettaha u effettivament, jaghzel li ma jikkontradixxihiex.

Fid-dawl tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-insenjamenti hawn fuq citati, din il-Qorti tqis ghalhekk li n-notifika lir-rikorrent saret b'mod validu.

**Intimazzjoni mhux valida skond l-artikolu 166A(3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta**

It-tieni argument tar-rikorrent Pisani huwa li, l-avviz ta' intimazzjoni kontenut fl-ittra ufficjali ezekuttiva bin-numru 642/2018 mhuwiex dak rikjest tassattivament skond l-artikolu 166A(3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-artikolu 166A (3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jghid illi:

*(3) L-ittra uffiċjali għandu wkoll ikun fiha taħt piena ta' nullità intimazzjoni lid-debitur li jekk huwa ma jweġibx fi żmien tletin jum mindu jiġi notifikat bl-imsemmija ittra uffiċjali billi jippreżenta nota fl-atti ta' dik l-ittra uffiċjali li fiha tiġi respinta t-talba u li tista' tiġi ffirmata u ppreżentata fil-qorti mid-debitur stess mingħajr il-ħtieġa ta' firma ta' Avukat jew Prokuratur Legali, dik l-ittra uffiċjali tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv:*

Ghalhekk, din il-Qorti tqis li dak li talab il-legislatur fl-artikolu 166A (3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, in vista tal-procedura eccezzjonali u specjali li hija dik taht l-istess artikolu 166A, hija li d-debitur, gjaladarba

jigi notifikat, ikun avzat li huwa ghandu terminu ta' 30 jum li fih jista' jopponi ghat-talba tal-kreditur li jkun baghatlu l-istess ittra ufficjali, billi, minghajr il-htiega sahansitra li jqabbad avukat jew prokuratur legali, jopponi ghall-istess talba.

L-intimazzjoni kif tinsab miktuba fl-ittra ufficjali attakkata tghid hekk:

*"Din l-ittra Ufficjali qed tintbaghat taht l-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 u jekk ma twegibx fi zmien tletin (30) jum, din issir titolu ezekuttiv. Ghalhekk huwa fl-interess tieghek li tkellem avukat jew prokuratur legali"*.

Ghalhekk, jirrizulta *icto oculi*, li s-socjeta' Melita Limited ma segwietx dak li l-artikolu 166A (3) tal-Kap. 12 jitlob b'mod tassattiv u **taht piena ta' nullita'**.

Madankollu, l-abbli difensur tas-socjeta' intimata, jghid li huwa segwa proprju dak li tghid il-Legislazzjoni Sussidjarja 12.22 ossija r-Regolamenti dwar il-Forma ta' l-Ittra Ufficjali Ghall-Finijiet ta' l-Artikolu 166A(2) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, introdotta bl-Avviz Legali 278 tal-2005.

Effettivament ir-regolament 2 ta' din il-legislazzjoni sussidjarja (li huwa prattikament l-*unika* regolament tal-istess ligi) jghid li:

*F'kull ittra ufficjali skond it-termini ta' l-artikolu 166A, ghandu jkun hemm stampat b'ittri cari u precizi taht l-intestatura tal-Qorti dan l-avviz li gej:*

*'Din l-ittra ufficjali qed tintbaghat taht l-artikolu 166A tal-Kapitolu 12, u jekk ma twegibx fi zmien tletin (30) jum din issir titolu ezekuttiv. Ghalhekk huwa fl-interess tieghek li tkellem avukat jew prokuratur legali.'*

Jirrizulta ghalhekk, li s-socjeta' Melita Limited irriproduciet b'mod preciz, it-test kif muri fil-Legislazzjoni Sussidjarja 12.22. Kif jirrizulta anke mit-titolu tal-istess Regolament, dan qieghed jistabbilixxi l-forma li tissemma fl-artikolu 166A (2) (*u mhux is-subinciz 3*) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Huwa mbaghad, is-subinciz (3) tal-Artikolu 166A li jindika x'ghandu jkun fiha l-ittra ufficjali ezekuttiva, taht piena ta' nullita'.

Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa s-sottomissjonijiet maghmula dwar dan il-punt mill-abbli difensuri tal-partijiet. Madankollu hija ma taqbilx la ma' parti u lanqas ma' l-ohra dwar is-sinjifikat tal-koezistenza tar-regolament 2 fil-L.S. 12.22 u l-artikolu 166A (3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Filwaqt li huwa minnu li, mad-daqqa t'ghajn, wiehed jista' jifhem li tezisti xi inkonsistenza bejn iz-zewg disposizzjonijiet tal-ligi, din il-Qorti tqis, li l-intenzjoni tal-legislatur, ghal dak li jirrigwardja r-regolament 2 tal-L.S. 12.22 huwa li, mill-ewwel, meta d-debitur jircievi l-istess ittra ufficjali, jaghraf li ghandu terminu qasir li fiha ghandu jwiegeb, u li huwa fl-interess tieghu li jkellem konsulent legali. Il-L.S. 12.22 tehtieg li dan l-avviz jitqieghed immedjatament taht l-intestatura tal-Qorti relattiva proprju biex ikun l-ewwel haga li tolqot ghajn il-persuna li tircevieh. Din il-Qorti taghraf ukoll li, l-avviz taht dan ir-regolament sar bis-sahha tal-Artikolu 166A (2) li ta s-setgha lill-Ministru ghall-Gustizzja li jintroduci "*forma*" ghall-ittra ufficjali ezekuttiva.

Madankollu, din il-Qorti ma taqbilx li l-forma li seta' holoq il-Ministru telimina l-obbligi tassattivament mehtiega taht subinciz iehor tal-artikolu 166A. Tant hu hekk, li dan is-subinciz jghid li "*l-ittra ufficjali ghandu **wkoll** ikun fiha **taht piena ta' nullita'**…*" intimazzjoni lid-debitur li ghalkemm tirrepetilu li ghandu 30 jum biex jopponi ghall-ittra ufficjali, tikkjarifikalu li biex jopponiha huwa ghandu merament jipprezenta nota li jista' jiffirmaha hu stess, minghajr il-htiega ta' firma ta' avukat jew prokuratur legali.

Ghalhekk, din il-Qorti ma tqisx li jezisti xi kunflitt bejn dak li jghid ir-regolament 2 tal-L.S. 12.22 u dak li jghid l-artikolu 166A(3). Effettivament, wiehed jista' semplicement jispjegaha billi jghid li, filwaqt li huwa dejjem fl-interess tad-debitur li jkellem avukat jew prokuratur legali biex jassistieh wara li jkun ircieva att gudizzjarju b'terminu qasir li fih ghandu jwiegeb, xejn ma jwaqqfu li jipprezenta l-oppozizzjoni d-debitur stess, u ghal dan il-ghan, l-artikolu 166A (3) jitlob li dan kollu il-kreditur jispjegah b'mod car kif jitlob l-istess subinciz.

Issa huwa minnu li d-dikjarazzjoni ta' nullita' ta' atti gudizzjarji hija odjuza.

Il-Qrati taghna dejjem ghallmu li, sabiex jigu dikjarati atti gudizzjarji, jinhtieg li jkunu jikkonkorru ragunijiet gravi.[6] B'mod generali, ir-regola dwar nullita' ta' citazzjonijiet jew rikorsi guramentati kienet li fejn kien jonqos il-pregudizzju ghad-difiza tal-konvenut jew in-nuqqas fic-

[6] **Francis Xavier sive Mose' Aquilina vs Carmela sive Lina Aquilina** (Appell Civili, deciz 21 ta' Marzu 1988)

citazzjoni kienet taghmel tajjeb xi haga ohra ghalih, ma annullatx ic-citazzjoni (ara f'dan is-sens **Bonello vs Azzopardi (Vol. XXXIX, II, 501), Muscat vs Borg et (XXXIX.II.575)** u **Demarco vs Fiteni (XLI.II.1035)).**

Din il-Qorti taghmel referenza wkoll ghall-**artikolu 789(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta** li jghid li

*(1) l-eccezzjoni ta' nullita' ta' l-atti gudizzjarji tista' tinghata:*

*(a)* ***jekk in-nullita' hija ddikjarata mil-ligi espressament****;*
*(b) jekk l-att jinhareg minn Qorti mhux kompetenti;*
*(c) jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma mehtiega mil-ligi, ukoll jekk hux taht piena ta' nullità, kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun giebet, lill-parti li titlob in-nullità, pregudizzju illi ma jistax jissewwa xort' ohra hlief billi l-att jigi annullat;*
*(d) jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarità essenzjali espressament mehtiega mil-ligi:*

*Izda dik l-eccezzjoni ta' nullità kif mahsuba fil-paragrafi (a), (c), u (d) ta' dan is-subartikolu ma tkunx tista' tinghata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistghu jissewwew taht kull dispozizzjoni ohra tal-ligi.*

Din il-Qorti tosserva li, l-artikolu 166A(3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, ma jaghti ebda possibilita' li tissewwa vjolazzjoni tal-istess disposizzjoni. Barra minn hekk, l-istess 166A (3) jistipula car u tond, li l-elementi hemm imsemmija huma mehtiega ***taht piena ta' nullita'*** u ma hemm ebda referenza li tali nullita' tista' tissewwa jew tigi rettifikata *ex post facto*.

Fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti tqis li r-regolament 2 tal-L.S. 12.22 u l-artikolu 166A (3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta mhumiex kunfliggenti bejniethom, u li t-tnejn li huma ghandhom jigu mharsa flimkien. Dan ifisser li filwaqt li taht l-intestatura tal-Qorti l-avviz skond ir-regolament 2 tal-L.S. 12.22 ***ghandu*** jigi indikat b'"*ittri cari u precizi*", l-elementi kollha msemmija fl-artikolu 166A(3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandhom, ***taht piena ta' nullita'*** (izda mhux necessarjament fil-parti li tigi taht l-intestatura tal-Qorti) jissemmew bhala intimazzjoni lid-debitur fl-istess ittra ufficjali.

Din il-Qorti tosserva li xi whud mill-elementi mehtiega taht piena ta' nullita' skond l-artikolu 166A (3) ma gewx imharsa mis-socjeta' Melita Limited. Il-Qorti tissottolinea wkoll li, il-ligi kif inhi, ma thalli lok ghal ebda diskrezzjoni tal-gudikant ghall-finijiet ta' *tiswija* tan-nullita' tal-att.

Ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti tqis li t-talba tar-rikorrent Jody Pisani ghandha tigi milqugha fuq din ir-raguni. Konsegwentement, din il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tkompli tezamina s-sottomissjonijiet l-ohra maghmulha mill-partijiet.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi r-rikors ta' Jody Pisani fejn, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel talba in kwantu din giet sorvolata, inkluz b'digriet tat-13 ta' Novembru 2018, tilqa' t-talba tar-rikorrent fis-sens li tiddikjara t-titolu ezekuttiv ottjenut bis-sahha tal-

ittra ufficjali fl-ismijiet *Melita Limited vs Jody Pisani* (Ittra ufficjali ezekuttiva numru 642/18) null u bla effett, u konsegwentement tirrexxindieh ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi u dan ghar-ragunijiet hawn fuq imfissra f'din id-decizjoni.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' Melita Limited.

**Dr. Nadine Lia**
**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**
**Deputat Registratur**